MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1005/2002

**Britannia Financial Services Ltd.**

**Vs**

**J.B. Holdings Ltd., il-konjugi Charles u Margaret Borg, il-konjugi Raymond u Rita Borg, il-konjugi Silvio u Patricia Borg u l-konjugi John u Ludgarda Borg.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hdax-il elf u sitta u sebghin lira Maltin (Lm11,076) import ta' hames kambjali li skadew rispettivament fl-14 ta' Jannar 2000, fil-11 ta' Frar, 2000, fl-10 ta' Marzu 2000, fis-

7 t'April 2000 u fil-21 ta' April 2000 – Kopja tal-kambjali annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala Dok. A – C;

Illi l-hlas ta' l-imsemmija kambjali kien gie garantit *par aval* mill-konvenuti l-ohra u cioe` l-konjugi Charles u Margaret Borg, il-konjugi Raymond u Rita Borg, il-konjugi Silvio u Patricia Borg, u l-konjugi John u Ludgarda Borg, u ghalhekk huma responsabbli ghall-hlas ta' l-istess kambjali in solidum mas-socjeta' J.B. Holdings Limited u dana ai termini ta' l-artikolu 171 tal-Kodici tal-Kummerc Kap. 13;

Illi s-socjeta' attrici hija awtorizzata mill-Bank Centrali ta' Malta sabiex tiffunzjona bhala istituzzjoni finanzjarja ai termini ta' l-artikolu 3(1) ta' l-Att XXII dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji 1994 bil-fakolta' fost ohrajn illi ssellef il-flus (Dok. D), u hija awtorizzata illi zzomm imghax bir-rata ta' 14% (Dok. E);

Illi ghalkemm il-konvenuti gew mitluba jissaldaw dan l-ammont huma baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawa ai termini ta' l-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smigh tal-kawza; u

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici solidalment bejniethom is-somma ta' hdax-il elf u sitta u sebghin lira Maltin (Lm11,076) – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax bir-rata ta' 14% kalkolat mid-data ta' kull skadenza sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-2 ta' Gunju 2002 u Lm15 tal-konsult

kontra l-konvenuti li baqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------